MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2003

Numru 97/2003

**Il-Pulizija**
(Spettur Simon Galea)
**vs**
**Carmelo Castorina**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Carmelo Catorina ta’ 33 sena bin Mariano u Angela nee’ Schiavino, imwieled Catania fit-28 t’ Ottubru 1969, u residenti fl-indirizz ‘L-Amico’ 24, Flat No. 2 Triq il-Parrocca, Santa Venera. Detentur tal-Karta ta’ l-identita bin-numru 20272 (A).

Talli:
Fis-17 ta’ Jannar 2003, fil-ghodu, bil-hsieb li jikkommetti serq ta’ flus u ta’ oggetti ohra ghad-dannu ta’ Pierre Vella,

wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, billi kisser hgiega ta' vettura KVP 111 liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu w dan bi ksur tal-artikolu 41(a) tal-Kapitolu 9tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess hin lok u cirkostanzi volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli cioe' vettura bin-numru ta' registrazzjoni KVP 111 liema ammont ta' hsara jammonta ghal-aktar minn hamsin Maltin izda ma jeccediex il-hames mitt lira Maltin ghad-detriment ta' Pierre Vella mill-Iklin u dan bi ksur tal-artikolu 325 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli sar ricediv permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-27 ta' Mejju 1996 liema sentenza issa hija defenittiva u ma tistghax tinbidel.

Rat in-nota tal-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzat ma oggezjonax li il-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti.

Rat li l- akkuzat ammetta l-akkuzi migjub kontrih u ghalhekk issibu hati.

Rat l-artikoli 41 (a), 325 (b), l-artikolu 50 tal-kapitolu 9 kif wkoll li kiser il-provedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 imposti fuqu b'sentenza tas-26 ta' Lulju 2001.

Tikkundanah mitejn lira Maltija (Lm 200) multa li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur minn illum. Tordnalu li jhallas, u hekk hu qed jaccetta li jghamel, is-somma ta' disghin lira (LM90) Maltija lil-Pierre Vella tad-danni kagjonati, tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-"*Corpos Delicti*".

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------